# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR. SILVIO MELI**
**LL.D.; Dip.Stud.Rel.; Dip.Can.Matr. Jur. & Proc.;**
**Cert.Jur. & H.R. (Strasbourg);**
**P.G. Dip. European Competition Law (King's College, London),**
**P.G. Dip. European Law (King's College, London).**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 22 ta' Jannar tas-sena 2002.**

**Numru 18**

**Avviz numru 22/01/SM**

**Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjeta' estera Axa Insurance p.l.c. proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' Michael Attard Ltd.**

**vs**

**Sea Malta Co. Ltd.**
**The Cargo Handling Company Ltd.**

**Il-Qorti,**

**Rat l-avviz fuq indikat datat il-11 ta' Jannar tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta' attrici nomine sejhet lis-socjetajiet konvenuti quddiem din il-qorti sabiex jghidu ghaliex m'ghandhomx ikunu kkundannati:**

**1. Ihallsu jew min minnhom lill-istanti s-somma ta' erba' mija u erba u hamsin lira u hdax-il centezmu (LM454.11,0) bhala danni mgarrba mis-socjeta' attrici ai termini ta' polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu li permezz taghha s-socjeta' attrici kellha tindenizza lill-assigurat taghha fl-ammont ta' tlett mija u tmienja u disghin lira u hdax-il centezmi (LM398.11,0), danni sofferti fil-merkanzija ta' vetturi li waslet Malta fuq il-vapur Maltese Falcon fl-10 ta' Jannar 2000 ma' liema ammont ta' danni jizdied ammont ta' sitta u hamsin lira (LM56) survey fee inkorsi mis-socjeta' attrici u ghalhekk danni totali fl-ammont ta' LM454.11,0);**

**2. Prevja d-dikjarazzjoni li huma jew min minnhom kienu responsabbli ghad-danni mgarrba mill-attur;**

**3. Bl-ispejjez u interessi mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-konvenuti jew minn minnhom;**

**Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' "The Cargo Handling Company Limited" datata l-31 ta' Jannar tas-sena 2001 li permezz taghha din is-socjeta' eccepiet is-segwenti:**

**1. Illi jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova illi l-allegati danni u nuqqasijiet sehhew waqt li l-vetturi de quo kienu taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta' eccipjenti u li l-istess vetturi gew konsenjati lilha minghajr l-istess danni u nuqqasijiet;**

**2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' eccipjenti mhix responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;**

**3. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;**

**4. Salv eccezzjonijiet ohra;**

**Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tas-socjeta’ Sea Malta Company Limited datata t-8 ta’ Frar tas-sena 2001 li permezz taghha din is-socjeta’ eccepiet is-segwenti:**

**Fl-ewwel lok, li t-talbiet attrici huma preskritti ghat tenur ta’ l-artikolu 6 ta’ l-Iskeda ta’ l-Att dwar il-Garr tal-Merkanzija bil-Bahar (Kap. 140) u wkoll tal-klawzola kontenuta fil-polza tal-karigu;**

**Fit-teini lok, l-inkompetenza tal-Qorti ratione materia;**

**Fit-tielet lok, u fi kwalunkwe kaz, illi d-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally Sheet rilevanti, kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. A;**

**Fir-raba lok, il-klawzola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu li qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok. B ghat-tenur ta’ liema s-socjeta’ konvenuta ma hiex responsabbli ghad-danni reklamati;**

**Fil-hames lok, it-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;**

**Salv eccezzjonijiet ulterjuri;**

**Bl-ispejjez;**

**Rat il-verbal datat id-19 ta’ Gunju tas-sena 2001 li permezz tieghu s-socjeta’ konvenuta “Sea Malta Company Limited” irtirat it-tieni eccezzjoni taghha;**

**Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet ulterjuri tas-socjeta’ konvenuta “The Cargo Handling Company Limited”, datata d-19 ta’ Gunju tas-sena 2001 li permezz taghha eccepiet li t-talbiet attrici huma preskritti a tenur ta’ l-artikolu 65 tal-Kap 352;**

**Semghet ix-xhieda prodotta;**

**Rat id-dokumenti esebiti;**

**Ikkonsidrat:**

**Illi effettivament jirrizulta assodat ai termini ta' l-artikolu 65 tal-Kap 352 illi l-azzjoni odjerna hi preskritta fil-konfront tas-socjeta' "The Cargo Handling Company Limited" stante li l-azzjoni ma tirrizultax li bdiet fi zmien tnax-il xahar minn meta issir talba bil-miktub ghal dan il-ghan;**

**Illi jirrizulta li l-vapur "Maltese Falcon" dahal Malta fl-10 ta' Jannar tas-sena 2000, u l-kawza giet intavolata l-ghada u notifikata lis-socjeta' konvenuta "The Cargo Handling Company Limited" fit-18 ta' Jannar tas-sena 2001;**

**Illi rigward is-socjeta' konvenuta l-ohra s-"Sea Malta Company Limited" ghandu jinghad li l-istess perjodu ta' dekadenza ta' sena japplika mid-data tal-konsenja jew mid-data li fiha suppost gew konsenjati l-oggetti fil-mertu;**

**Ghaldaqstant din il-qorti filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet preliminari tas-socjetajiet konvenuti tiddikjara l-azzjoni odjerna preskritta u konsegwentement tiddikjara l-procediment ezawrit, bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.**

**John Farrugia**
**Deputat Registratur**